**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 9/IX/2024**

**Il-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2025 fil-17:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Assenti:**
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**9.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**9.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

9.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 8 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

9.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

9.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.4.1 <u>*Masterplan* Pjazza San Ġorġ</u>

i. Is-Sindku stieden residenti li riedu jisimgħu il-laqgħa, sabiex jidħlu fil-kamra. Fosthom kien hemm l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

ii. Is-Sindku beda fuq l-applikazzjoni li ġiet sottomessa lill-Awtorita' tal-Ippjanar mill-Awtorita' tal-Artijiet (PA/00284/25), li hija *Masterplan* li jiddefinixxi gwida u disinn fejn juri l-*area* li tista' tintuża għall-imwejjed u s-siġġijiet tal-*bars* u ristoranti li hemm fi Pjazza San Ġorġ. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ħareġ xi punti wara li ġiet sottomessa din l-applikazzjoni u qabel ħareġ dawn il-punti, l-Arċipriet ikkonsulta miegħu bħala Sindku. Is-Sindku qal li jaqbel ma' dawn il-punti li nħarġu mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Hu ma jaqbilx mal-*Masterplan* hekk kif ġie suġġerit mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Tenna li Pjazza San Ġorġ twessgħet biex jibbenefikaw minnha l-parruċċani u l-paroċċa. Xorta wieħed għandu jara l-esiġenzi tal-llum, pero' l-prijorita' tibqa' dejjem il-Parroċċa ta' San Ġorġ. Qal li l-Kunsill Lokali ġie mitlub sabiex jattendi għall-laqgħa ma' rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar, fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar fit-08:30 dwar dan is-suġġett. Is-Sindku żied jgħid li waqt din il-laqgħa ħa jenfasiżża li ebda' pjan inkluż dak li hemm illum, ma jista' jaħdem jekk ma jkunx hemm infurzar u l-infurzar irid isir permezz ta' Unit ta' Infurzar stazzjonata f'Għawdex.

iii. Il-Viċi Sindku qal li l-problema qatt ma kienet il-*Masterplan* iżda l-infurzar u l-*Masterplan* kif proponut qed jagħmel is-sitwazzjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet agħar minn kif inhi llum. Qed jiġi propost ukoll li Triq San Ġużepp jingħalqilha l-aċċess għat-traffiku u t-traffiku kollu, nkluż l-karozza tal-mejtin, jgħaddu minn Triq Karita'. Dan ma jgħamilx sens peress li minn Triq Karita', karozza normali wkoll issib diffikulta sabiex tgħaddi. Il-*Masterplan* qed ikompli jagħti lok biex l-imwejjed u siġġijiet ma jiżżarmawx meta jkun hemm il-ħtieġa. Żied li kif propost fil-*Masterplan*, min ma kellux permess, ħa jkollu u minn għandu permess ta' 'l fuq minn 25 sena, dan ser jonqoslu. Barra minn hekk qal li għandu jkun hemm uniformita fid-disinn tal-umbrellel u obligazzjoni ta' *bin* għal kull ħanut. Tenna li dan il-*Masterplan* qed jillegalizza l-abbuż. Il-Viċi Sindku propona li qabel il-Kunsill jiltaqa' mar-rapreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar, għandha ssir laqgħa pubblika mar-residenti fil-bini tal-Kunsill fejn il-Kunsill jistieden lin-nies jagħtu l-opinjoni tagħhom.

iv. Il-membru Schembri li kien is-Sindku preċedenti, qal li kull meta attenda laqgħa rigward Pjazza San Ġorġ, il-problema dejjem kienet taqa' finalment għan-nuqqas jew l-assenza tal-infurzar. Qal li meta jkun hemm attivita' fil-pjazza, għandu jkun hemm r-rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

v. Is-Sindku qal li jkun aktar għaqli li l-Kunsill l-ewwel jiltaqa' mal-Awtorita' tal-Artijiet qabel issir xi laqgħa mal-pubbliku. Tenna li l-Kunsill jaf sew x'inhi l-opinjoni tar-residenti u l-parruċċani rigward Pjazza San Ġorġ. Qal li waqt il-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, il-Kunsill għandu jsegwi u jimxi fuq il-punti li hemm fl-istqarrija maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fl-opinjoni tiegħu qal li hu perikoluż li l-Kunsill ilaqqa r-residenti dwar is-suġġett.

vi. Il-Viċi Sindku qal li residenti qed jaħsbu li l-Kunsill kien involut fl-ippjanar tal-*Masterplan* u għalhekk propona li ssir laqgħa mar-residenti sabiex il-Kunsill jara l-esiġenzi tagħhom.

vii. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat mill-Awtorita' tal-Ippjanar qabel saret l-applikazzjoni tal-*Masterplan* u propona li l-Kunsill għandu jimxi fuq il-punti mressqa mill-parroċċa u jibqa' tal-istess opinjoni bħall-parroċċa. Jaħseb li hu prematur li l-Kunsill ilaqqa r-residenti fil-bini tal-Kunsill u l-istess Kunsill għandu jimxi bil-kawtela.

viii. Il-membru Debrincat qal li mhux tal-opinjoni li l-Kunsill ilaqqa n-nies għax żgur li l-laqgħa tkun movimentata bil-konsegwenza li ma joħroġx il-frott li wieħed ikun stenna. Jinnota li minn meta saret spezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar fil-bidu ta' Lulju li għadda, iktar sar hemm ingombru fil-bidu ta' Triq San Ġużepp, peress li imwejjed ħarġuhom ferm il-barra mill-bokka tat-triq.

ix. Il-membru Tabone qal li jaqbel mal-punti tal-istqarrija tal-Parroċċa u dawn għandhom ikunu l-punti li l-Kunsill jimxi magħhom waqt il-laqgħa li ser issir mar-rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

x. Wara d-diskussjoni tal-membri tal-Kunsill, is-Sindku ta l-kunsens lill-Arċipriet preżenti sabiex ikun jista' jitkellem. L-Arċipiet irringrazzjah u qal li hu jsemma leħen il-parruċċani u mhux leħnu. Mhux ġust li jitħalla lil dak li hu, jtir mar-riħ jew jinħataf. Ma jistax jifhem kif baqgħu jinħarġu l-permessi għar-ristoranti mingħajr ma jkollhom ir-rekwiżiti kif suppost. Huwa dritt li l-mezzi tal-emerġenza jidħlu fil-pjazza mingħajr ebda' xkiel f'kull ħin. Dawn kienu jidħlu pero' ma tħallewx aktar. Min juża *encroachment* għandu jżarma mill-*encroachment* meta jkun hemm il-bżonn. L-art hi tal-poplu. Tenna li hu tkellem mal-maġġoranza tas-sidien tal-ħwienet li kollha huma mdejqa bis-sitwazzjoni. Ħa jkun hemm min igawdi għax qabel ma kellu xejn. Qal li bosta minnhom jirraġunaw li s-sinjali mmarkati jsolvu s-sitwazzjoni. Staqsa x'inhu eżatt xogħol l-Awtoritajiet. Min hu llegali ma jistax jitħalla jirrenja. L-Arċipriet japrezza li l-Kunsill dejjem mexa fuq l-istess linja tal-parroċċa u li ma kienx hemm kuluri ta' partiti politċi.

xi. Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li attendew u dawn ħarġu mill-laqgħa.

---

9.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar ġie aċċettat li jiġu finanzjati *CCTV cameras* mad-dawra tal-Banca Giuratale.

9.4.3 Dwar it-*telephone boxes* il-ħomor, id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, lesti li jirranġawhom biex imbagħad jgħadduhom lill-Kunsill biex ipoġġihom fejn jixtieq.

9.4.4 Is-Sindku qal li l-ħarġa ta' Malta tar-residenti kienet suċċess. Flimkien miegħu attendew ukoll il-membri Abela u Tabone. Is-Sindku propona li ssir ħarġa f'Għawdex fejn tibda b'quddies Ta' Pinu, u mbagħad f'Marsalforn ikollhom Tombla u ikla. Il-membri qablu li din l-attivita' ssir fis-17 ta' Marzu, 2025 u tinħareġ bil-prezz ta' €20 kull persuna li tkun tinkludi kollox.

9.4.5 Rigward l-irħama li ser issir fil-Banca Giuratale u tinkixef mill-Kavallier Vincenzo Bonello, s-Sindku qal li bgħatu l-kliem li jrid jinkiteb, u dan ser jiġi verifikat ma' Rev. Dr Joe Bezzina. Għandha tinstab id-data ta' meta ser tinkixef.

9.4.6 Billi l-post tas-sostitut tas-Segretarju Eżekuttiv ġie vakat, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Assistent Prinċipali Farrugia tieħu dan il-post. Il-membri qablu. Waqt li din il-proposta ġiet imressqa, il-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress;

9.4.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kunsillier Schembri ma jistax jattendi miegħu għall-Festival tal-Folk fis-Serbia, fejn ser ikun qed jipparteċipa l-Aurora Folk Gorup. Wara li l-membri resqu min minnhom hu nteressat li jmur, ġie propost li jmur minn ma telax fl-aħħar żjara li saret f'Nichelino. Din il-proċedura għandha tkompli għal-żjarat oħra fil-futur. Il-membri qablu li għaż-żjara tas-Serbia issa jmiss li jmur il-membru Debrincat.

9.4.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser isir proġett privat kemmxejn massiċċ fil-bini tat-Telgħa tal-Belt kantuniera ma' Triq il-Kastell. Għalhekk qed isiru diskussjonijiet bejn id-Direttorat għall-Wirt Kulturali, il-Qorti t'Għawdex u l-Katidral rigward it-tmexxija tat-traffiku meta jkun qed jitwettaq dan il-proġett.

9.4.9 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2025, ser isiru l-intervisti tal-applikanti għall-post vakant ta' Assistent Prinċipali fuq skala 11.

**9.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

9.5.1 Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward:-

i. Skemi ta' Finanzjament 2025 (l-ewwel parti);

ii. SPI.SCI.02.2025 - Estensjoni tal-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema bl-għajnuna tal-Oratorju Don Bosco (VO/0142);

iii. miżura tal-Baġit dwar is-Saħħa Mentali. Il-Kunsill wera x-xewqa li jipparteċipa fit-tixrid tal-għarfien;

9.5.2 id-Direttur ta' 'World of Kid's Funpark' li talab li juża l-grawnd Leli Farugia għall-sitt ġimgħat biex fih ipoġġi logħob għat-tfal. Il-membri ma qablux minħabba li dan jieħu ħafna spazju;

**9.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

9.6.1 Il-Perit tal-Kunsill aġġorna l-pjanta tar-*road markings* għal Triq Santa Martha u din intbagħtet lill-Transport Malta (TM).

9.6.2 Il-Viċi Sindku qal li kellu talba sabiex fi Triq il-Kapuċċini jsiru *road humps* sabiex titnaqqas il-veloċita eċċessiva li biha jinsaqu l-vetturi. Ta' min jinnota li f'arterji prinċipali u toroq minn fejn jgħaddu tal-linja, TM ma toħroġx permessi għall-*road humps*.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

9.6.3 isiru parkeġġi mmarkati fi Triq Pompei u Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

9.6.4 issir *traffic mirror* fi Triq Kerċem faċċata tal-ħanut 'Beef n'Barrel'.

9.6.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, il-Kunsill ressaq it-talba biex issir pedestrian crossing minn Triq Sir Arturo Mercieca wara s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu. TM qed tevalwa din il-possiblita'.

9.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand l-APS Bank fi Triq taħt Putirjal fejn intalab sabiex tiġi ameljorata l-bankina qrib dan il-bank u jkun hemm aċċess adegwat biex persuna b'siġġu tar-roti tkun tista' tgħaddi fuq il-bankina mingħajr xkiel. TM ġiet infurmata b'dan.

9.6.7 Tressqet korrispondenza mingħand residenta fejn issuġġeriet li jsiru *speed limit signs* u *road humps* fi triq li tinfed minn Triq Ċangar għal Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri qablu li jintalab il-permess biex isiru *speed limit signs*.

**9.7 Playing Field – *update***

9.7.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* għadhom qed jinħadmu mill-Perit Scerri u l-Enġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal.

**9.8 Proġett Pjazza Santu Wistin – update**

9.8.1 Is-Sindku qal li l-*Bills of Quantities (BOQs)* għadhom qed jinħadmu mill-Perit Scerri u l-Enġinier Cordina fir-rigward ta'elettriku u dwal.

**9.9 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2024**

9.9.1 L-*Accountant* ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spjega d-*draft* tal-*Financial Statements* għas-sena 2024.

9.9.2 Wara li saru xi mistoqsijiet u dawn ġew spjegati, l-*Financial Statements* ġew approvati u dan skont dokument A anness. L-Accountant ġie rringrazjat u dan ħareġ mill-laqgħa.

**9.10 Jum il-Belt Victoria**

9.10.1 Is-Sindku qal li s-sottokumitat ltaqa' t-tieni darba. Qal li hemm ċans li jingħabu fondi mir-Reġjun Għawdex għal din l-attivita' mill-iskema tar-Reġjun Kulturali 2025. Francis Camilleri aċċetta li jdoqq fil-kunċert. Il-proposta hi li l-orkestra tkun immexxija minn Mro. Mark Gauci u tkun komposta minn 15-il mużiċist. Il-membri qablu.

9.10.2 Il-membri qablu li għall-okażżjoni ta' Jum il-Belt Victoria jiġu organizzati wkoll il-kunċerti Leone Goes Pop u RockAstra. M'għandhiex tinqabeż is-somma ta' €3,000 għal kull kunċert.

**9.11 *Bollards* Pjazza Indipendenza**

9.10.1 Il-kuntrattur li ser jipprovdi l-*bollards* il-ġodda għall-Pjazza Indipendenza fejn qed jgħid li l-ewwel li se jkollu f'idejh *bollards* bil-ħolqa li magħha tista' teħel katina. Il-membri qablu li jingħabu dawn u magħhom 10 bollards extra biex il-Kunsill ikollu *bollards* f'idejh għal meta jkun hemm xi ħsara u hekk ikunu jistgħu jinbidlu malajr.

**9.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

9.12.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Frar 2025, skont dokument B anness.

9.12.2 Tressqet ittra mingħand Refalo Advocates li kitbu għan-nom ta' Doric Studio rigward ammont dovut mill-Kunsill ta' €10,826.50 fuq xogħol li Doric Studio għamlu lill-Kunsill preċedenti. Ix-xogħol kien jittratta disinn tar-rinnovar tal-playing field li kien qed jiġi propost mill-Kunsill. Dan ix-xogħol kien ittieħed permezz ta' offerta li kien ħareġ il-Kunsill u x-xogħol kien sar kif miktub u fil-ħin. Għalhekk il-membri qalu li dan għandu jitħallas.

## 9.13 Xogħolijiet oħra

9.13.1 Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa annwali ġenerali li saret fis-6 ta' Frar, 2025 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Dawn skont dokument Ċ anness.

Il-membri qablu li:-

9.13.2 tiġi organizzata Old Motor Cars Show fi Pjazza President J. F. Kennedy fit-30 ta' Marzu, 2025;

9.13.3 tiġi organizzata attivita' għat-tfal fi Pjazza Indipendenza fl-1 ta' Mejju, 2025;

9.13.4 is-sala tal-Kunsill tiġi atrezzata bi screen sabiex ikun jista' jintuża meta jsiru preżentazzjonijiet;

9.13.5 jinxtara bank u jinbidel dak eżistenti peress li nkiser, fi Triq is-Sellum;

9.13.6 jintalab sabiex issir bankina ġdida quddiem 'Alina', Triq Wied is-Seqer;

9.13.7 li l-Kunsill jgħin fil-loġistika tal-organizzazzjoni tal-musical 'Fiddler on the Roof' li ser isir fit-Teatru Astra u l-organizzazzjoni tal-Aurora International Folk Festiaval li ser isir f'Ottubru 2025. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €1,500 għal kull attivita';

9.13.8 temporanjament jinqala fanal fil-bidu ta' Triq Agius De Soldanis sakemm jitranġa l-post li hemm fil-kantuniera ma' Triq Palma;

9.13.9 tiġi organizzata wirja fil-Kunvent ta' Santu Wistin li tikkommemora tal-125 Anniversarju minn meta Santa Rita ġiet ipproklamata qaddisa. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €300.

## 9.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu , 2025.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv